MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 1190/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**Vs**

**Shawn Axiaq, ta' 26 sena, iben Francis u Rita nee' Schembri, imwieled Pieta' fis-06 ta' April 1987 u joqghod fil-fond numru 19, St. Joseph Flat 1, Triq il-Gjacinti, San Gwann, detentur tal-karta ta'l-identita 176587(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Shawn Axiaq li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Mejju 2009 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu, fl-akkwati tal-White Rocks, limiti ta' Bahar ic-Caghaq, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew li gabet jew tista' ggib difett pemanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-18 ta' Lulju 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-offiza gravi involontarja fuq il-persuna ta' kollega tieghu fuq ix-xoghol il-PC434 Peter Sammut u dan kif previst fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Illi fuq il-fattispecje ta' dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni dwar dak li sehh. Illi fil-lejl ta' bejn it-30 ta' April u l-1 ta' Mejju 2009, is-Surgent PS 702 Jonathan Ransley, li kien qieghed jiehu hsieb il-*units* tal-*mobile squad* f'dak il-perijodu taz-zmien, kien baghat *sms* mill-*mobile* tieghu lil PC1547 u lill-vittma il-PC434 Peter Sammut sabiex fis-saghtejn ta' fil-ghodu, flimkien mal-*partner* fil-*unit* taghhom, jiltaqghu hdejn il-White Rocks Holiday Complex. B'kollox ghalhekk kellhom jiltaqghu sitta minn nies u cioe' is-surgent Ransley, il-PC482 (partner ta' Ransley), il-*unit* komposta mill- PC434 Peter Sammut u l-imputat, cioe' il-PC1320, kif ukoll il-*unit* l-ohra komposta minn PC1547 u PC521. Ghalkemm il-messagg ma kienx jispecifika r-raguni 'il ghala kellhom jiltaqghu, il-pulizija

involuti kollha bassru li dan kien ghal skop ta’ tahrig, jew addesstrament. Illi l-Ufficjal Prosekutur, li f’dak il-lejl, kien il-persuna responsabbli ghall-*units* kollha tal-iskwadra mobbli, ma kienx gie infurmat illi kellu isir dana it-tahrig u lanqas kien hemm xi ordni sabiex isir dana it-tahrig f’dak il-lejl. Il-ftehim sar permezz tal-uzu tal-*mobile phones* personali ta’ dawn l-ufficjali tal-pulizija koncernati.

Illi meta wasslu fuq il-post u qabel ma beda dana it-tahrig, li kellu ikun ta’ addestrament dwar kif isir simulazzjoni ta“*house entry*” f’fond, is-surgent Ransley kien ta ordni lil dawn l-ufficjali tal-pulizija sabiex inehhu il-*magazine* mill-arma u jikkokkjawha darbtejn sabiex b’hekk ikunu certi illi ma kienx ghad fadal xi balla fl-arma. Jidher illi il-PS702 iccekkja l-armi personalment ta’ PC482, PC1320 u PC1547. Huwa ma iccekkjax l-arma tal-vittma u tal-PC521 peress illi dawn ghamlu il-procedura quddiemu. Is-surgent Ransley ma kienx taha struzzjonijiet lil dawn l-ufficjali sabiex juzaw *bullet proof jackets* u dana billi l-arma tan-nar kellha tkun minghajr *magazine*, mhux ikkargata u l-ezercizzju ma kellux jinvolvi sparar. Sabiex jissimulaw l-isparatura, l-ufficjali tal-pulizija kellhom ighajjtu il-kelma “Bum” u mhux jiggbdu il-grillu tal-arma. Jidher illi kien hemm xi uhud minn dawn l-ufficjali illi kienu diga’ ghamlu dana it-tahrig mas-surgent Ransley f’okkazzjonijiet precedenti u allura is-surgent iddecieda illi dawk li diga’ hadu dana it-*training* jistahbew fil-kmamar vojta tal-kumpless filwaqt illi l-kollegi taghhom illi kienu qed jaghmlu dana it-tahrig ghall-ewwel darba kellhom jeffettwaw l-“*entry*” fil-fond. Wara li sar dana l-esercizzju ghal diversi drabi minghajr l-ebda problemi, u qabel ma telqu minn fuq il-post, is-surgent iddecieda illi jaghmlu dana it-tahrig ghall-ahhar darba, izda din id-darba kellhom jinqallbu ir-rwoli tal-ufficjali billi dawk li kienu qed jaghmlu l-“*entry*”, din id-darba jistahbew, filwaqt li l-ohrajn kellhom issa jaffettwaw l-dhul. Illi ftit qabel ma inghataw dawn l-istruzzjonijiet mis-surgent Ransley jidher illi l-imputat kien haseb illi it-tahrig taghhom kien intemm u kwindi rega’ dahhal il-*magazine* fl-arma tan-nar. Minhabba li kien sar l-inverzjoni tar-rwoli ghalhekk, il-PC434 u cioe’ il-parti leza mar jistahba f’kamra filwaqt illi l-kollega tieghu u cioe’ l-imputat kellu imur ifittxu u jaghmel l-*entry*. Il-post kien fid-

dlam cappa u l-imputat dahal fil-kamra fejn kien mistohbi siehbu meta dan ta'l-ahhar f'daqqa wahda qallu "Bum", l-imputat inhasad, kien nesa illi l-arma tan-nar tieghu issa kienet illowdjata, u bil-qatgha ikkokkja l-arma u gibed il-grillu li f'dak il-hin sparat bullet li laqat lil PC434 f'sidru u baqghet hierga minn daharu. L-imputat f'dana il-mument irrealiza x'kien ghamel u tah attakk ta' isterizmu fejn kellu jigi ikkontrollat u mizmum minn shabu sakemm isejjhet l-ambulanza u gew infurmati is-superjuri taghhom mis-surgent Ransley dwar l-incident. PC434 gie iccertifikat li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi kagun ta' *bullet wound*.

Illi in sewgitu ghal dana l-incident saret inkejsta magisterjali fejn gew mahtura diversi esperti fosthom l-ufficjali tax-xena tar-reat, l-esperti tal-ballistika, Dr. Stefano Filletti bhala espert tekniku  u l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri. Illi l-ufficjali tax-xena tar-reat hadu diversi ritratti tal-post ta'l-incident u gew anke elevati swabs tad-demm li instabu fuq il-post kif ukoll il-hwejjeg li kien liebes il-vittma[1]. Illi l-esperti tal-ballistika il-Brigadier Maurice Calleja flimkien mal-PS560 Joseph Farrugia u PS602 Jonathan Attard ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom fejn ikkonkludew is-segwenti:

**Meta sar l-incident kien id-dlam ghal kollox.**

**Gie sparat tir wiehed biss bil-pistola li kellha il-magazine b'sittax-il balla go fiha u balla ohra fil-kanna.**

**Dan it-tir kien sparat bil-pistola Glock numru HPX 306 li tiffunzjona tajjeb f'kull rispett.**

**Dan it-tir kien sparat mill-entratura tal-kamra fejn sar l-incident.**

**Id-distanza ta' bejn il-pistola w PC434 Peter Sammut kienet inqas minn zewg metri.**

[1] Ara rapport ta' PS1261 Charles Pace a fol.86 et' seq tal-proces verbal Dokument JM, u ta' PS186 Kristian Mintoff a fol.90.

**PC434 Peter Sammut intlaqat fuq sidru fin-naha tax-xellug u il-*bullet* baqghet hierga minn go dahru. Wara li l-*bullet* harget din laqtet zewg hitan u ghamlet *ricochet* ghal barra minn gol-kamra. Din il-*bullet head* ma nstabitx.**

**L-esponenti huma tal-opinjoni li r-raguni ghaliex l-iskartocc sparat ma ttajjarx minn gol-kanna tal-pistola u baqa' fiha x'aktarx huwa ghaliex meta gie sparat it-tir il-pistola kienet vicin hafna ma' sider PC1320 Shaun Axiaq. Ghaldaqstant meta s-*slide* tal-pistola kienet gejja lura biex taghmel *ejection* din sabtet ma' sider PC Axiaq u waqfet qabel ma seta' jittajjar l-iskartocc il barra minn gol-kanna (*Before ejection took place*)**[2].

Illi l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri ezamina lill-parti leza u ikkonstata illi dan kien gie milqut minn tir ta' arma tan-nar, liema tir dahal minn sidru fuq in-naha tax-xellug u baqa hiereg mid-dahar. Jikkonkludi is-segwenti u dana ghar-rigward tan-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza:

**Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett laterali tan-naha tax-xellug tas-sider kellha *burnt margins* u kienet kompatibbli ma' *entry wound* kagunata minn *low velocity missile*;**

**Illi l-lezjoni deskritta fuq il-parti t'isfel tad-dahar kienet *stellate shaped*, ma kellhiex *burnt margins* u kienet kompatibbli ma' *exit wound* kagunata minn *low velocity missile*.**

**Illi fit-tragitt ta' din il-*missile* gie milqut il-*lower lobe* tal-pulmun li ikkagunat *pleural effusion* u *contusion* fl-imsemmi pulmun.**

**Illi din il-lezjoni hija certament ta' natura gravi.**

[2] Ara rapport Dokument a ol.10 tal-proces verbal Dokument JM

**Illi l-kondizzjoni ta’ Sammut baqghet stabbli, tjiebet u eventualment dan gie illicenzjat mill-isptar Mater Dei**.

Illi finalment l-espert tekniku Dr. Stefano Filletti jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet u dana wara li sema’ x-xhieda kollha tal-persuni involuti f’dana il-kaz:

**1. Illi t-tahrig in kwistjoni ma kienx wiehed awtorizzat u id-decizjoni ghal tali tahrig sar minn PS702 Jonathan Ransely. Inoltre minkejja illi l-istess surgent ta ordnijiet u spezzjona personalment l-unloading ta’l-armi, jinghad illi l-istess tahrig ma sehhx f’ambjent kontrollat b’mizuri ta’ sikurezza adekwati.**
**2. Illi PC434 minghajr ma nghata ebda ordni illowdja l-pistola tieghu u ikkokkjaha. Mar ghall-ahhar ezercizzju b’arma illowdjata. Jinghad ukoll illi waqt it-tahrig l-ufficjali kellhom ighidu “bum” u mhux jigbdu il-grillu.**
**3. Ma jidhirx illi l-incident kien wiehed inetnzjonat (cjoe’ volontarju).**

**B’konsegwenza ta’ dan l-incident:**

**PC434 Peter Sammut gie ferut gravament f’qghaddu izda ma irrizultax li kien fil-periklu tal-mewt.**

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent hu tal-umli fehma li:**

**1. Illi b’nuqqas ta’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, PC1320 Shaun Axiaq ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC434 Peter Sammut.**
**2. Tista’ wkoll tikkonfigura r-responsabbilta ta’ PS702 Jonathan Ransley li kien l-ghola ufficjal waqt it-tahrig li ippermetta dan it-tahrig anzi li kien hu li ta l-istruzzjonijiet ghal dan it-tahrig, liema tahrig ma sarx f’ambjent ikkontrollat.**

Illi mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-esperti fl-inkjesta, ghalhekk l-Inkwirenti jikkonkludi:

**Mir-relazzjonijiet prodotti l-Magistrat Inkwirenti m'ghandu l-ebda dubbju li l-isparatura saret waqt tahrig taht it-tmexxija ta' PS702 Jonathan Ransley u li l-isparatura saret minn PC1320 Shaun Axiaq. Ma jirrizultax li dan it-tahrig kien hemm l-awtorizazzjoni ghalih. Jirrizulta wkoll li fl-istess jum tal-incident, l-ezercizzju ta' 'tfittxija' sar diversi drabi bla ma inqalghet ebda problema. Il-Magistrat Inkwirenti ma sab ebda intenzjoni jew motiv ta' qtil. Bil-maqlub PC1320 Shaun Axiaq u l-vittma huma hbieb sew u PC Shaun Axiaq hadha hafna bi kbira meta irrealizza x'kien gara. B'danakollu il-Magistrat Inkwirenti qed jikkonkludi li ghandhom jittiehdu passi kontra PC1320 Shaun Axiaq ghaliex l-incident sehh minhabba n-negligenza tieghu. Ghalhekk fil-fehma tal-Magistrat Inkwirenti japplika l-artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kap.9. Il-Magistrat Inkwirenti mhux tal-fehma li jittiehdu passi kontra PS702 Jonathan Ransley. Tassew li l-ezercizzju sar fuq inizjattiva tieghu izda jidher li ma kien hemm ebda negligenza da parti tieghu. Huwa kien car fl-istruzzjonijiet u wiehed ma jistax jikkonkludi li kien negligenti ghaliex l-ezercizzju ma kienx awtorizzat. Fil-fatt ukoll li kieku l-ezercizzju kien awtorizzat, l-incident kien jigri xorta wahda. Mir-relazzjonijiet ma jirrizultax li PS702 Jonathan Ransley kellu xi dubbju dwar il-hila ta' dawk li kien qed jidderigi**.

Illi ghalhekk abbazi ta' dina il-fehma moghtija mill-Inkwirenti fl-inkjesta magisterjali inbdew il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat,

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>**

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-offiza gravi u involontarju.

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, (04/02/1961), il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenrza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannus involontarju;**

**"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27 , p. 46);**

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: “La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Richard Grech (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta’ ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.

Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni” u “nuqqas ta’ hila” izda **"*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*.”**

Illi minn dina l-gabra ta’ dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta’ natura involontarja**:**

**1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
**2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**
**3. l-element tal-prevedibbilita’**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:

1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Illi l-pulizija kollha involuti f'dana it-tahrig fix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti jikkonfermaw essenzjalment dak illi xehdu fl-inkjesta magisterjali ghajr ghall-parte civile Peter Sammut li jikkontendi illi meta kien mistohbi fil-kamra ma kienx induna illi kienet saret l-*entry* minn siehbu billi ma rax id-dawl tat-*torch* gejja. Jichad ukoll dak li xehed fl-inkjesta illi huwa kien ghajjat il-kelma "bum" jew inkella li kien qalha l-imputat qabel sehhet l-isparatura. Ighid illi huwa kien qieghed bil-wieqfa mistohbi f'dahla li kien hemm fil-kamra meta f'daqqa wahda semgha hoss u hass bhal sensazzjoni stramba f'genbu. Kif wasslu l-kollegi tieghu bit-*torches* huwa sab lill-imputat ma' wiccu li beda ighajjat "ilqattu, ilqattu". Il-Qorti, izda ma tistax temmen dina il-verzjoni tal-fatti u x'aktarx illi l-parti leza setgha bit-trapass taz-zmien u minhabba t-trawma ta'l-incident nesa id-dettalji li sehhew f'dik il-lejla. Dana qed jinghad ghax kemm il-PC521 Jesmond Falzon, kif ukoll il-PC1547 John Debattista li kienu iz-zewg ufficjali l-ohra li fl-ahhar ezercizzju kienu qed jistahbew flimkien mal-parti leza izda f'kmamar ohra vicin tieghu, ighidu illi qabel ma semghu il-hoss ta'l-isparatura, raw id-dawl tat-*torches* u semghu il-passi resqin lejhom. Anke jekk ghal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha temmen illi l-PC434 ma rax id-dawl tat-torches, madankollu certament illi l-passi tal-pulizija shabhom semaghhom kif semghuhom iz-zewg pulizija l-ohra li kienu mistohbija[3]. Inoltre anke l-ispettur Ramon Cassar li ighid li kien kellem lil PC434 *a tempo vergine* isostni illi dan ta'l-ahhar kien qallu illi "**hu kien**

[3] Ara xhieda ta' PC521 u PC1547 a fols. 118 u 126 rispettivament

**mistohbi, qalli li f'hin minnhom dahal Shawn, skond l-instructions li kellhom kienu li l-pulizija ikollhom it-torch ghax hemmhekk hemm nuqqas ta' elettriku, kellhom juzaw it-torch u jekk ic-civilian jintlemah mill-pulizija waqt it-training li jinduna bih l-ewwel, jaghmillu sinjal jew jghamillu hoss. Fil-fatt sar bhal hoss, il-vittma ghamel hoss ta' bumm. Dak il-hin is-sur Axiaq ghal xi raguni gibed il-grillu**.[4]"

L-imputat meta jixhed jikkonferma essenjalment dak li jixhdu shabu. Ighid illi ghamlu madwra tnax-il simulazzjoni fejn hu kien wiehed minn dawk li kien qed jistahba. Ighid illi matul dawn is-simulazzjonijiet ghalkemm huwa kellu l-arma, madanakollu il-*magazine* kien il-hin kollu fil-but tieghu. Waqt l-ezercizzju ghalhekk kulhadd kellu it-*torch* u l-arma ghalkemm dina ma kenitx ikkargata. Ighid hekk l-imputat:

"**F'hin minnhom kulhadd kien sejjer 'il barra biex immorru 'il isfel u jiena awtomatikament ghal fuq ix-xoghol, il-magazine nehhejtu minn gol-but u dahhaltu gol-arma tieghi. … Jiena ghalija kien spicca ghax kulhadd qisu kien zarma u konna ser naqbdu it-tarag ghal isfel u jiena l-procedura normali tieghi li indahhal il-magazine gol-arma. … Imbaghad is-surgent 702 dar fuqna, qalilna 'mhux ahjar naghmluha ta'l-ahhar u nuruhom kif issir,' peress li ahna konna gja ghamilnieh dan it-training. U ahna l-procedura gieli waqt li inkunu qeghdin f'dan it-training l-arma infaqqghuha biex it-trigger jaghmel certu hoss, u ahna nghidu l-kelma, kif naraw lil dak li jkun, nghidu il-kelma 'bum'**." Ighid illi fil-fatt l-arma "faqqajtha normali" u cioe' ikkokkjaha. Ikompli ighid illi kien qieghed fuq quddiem u kif dahal ezatt mill-bieb l-parti leza qallu il-kelma "bum", inhasad u gibed it-*trigger*. Ikompli: "**jien smajt faqqatura u hsibt li xi hadd beda jiccajta. F'hin minnhom rajt lil Peter PC34 jaghmel xi moviment b'wiccu li ma tantx ghogobni u beda imiss genbu. Dak il-hin harist lejn l-arma u indunajt li l-magazine kien**

[4] Ara xhieda ta'l-Ispettur Ramon Cassar a fol.174

**gewwa u minn dak il-hin ma nax x'gara ghax intlift minn sensieha**".

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat kien gie moghti istruzzjonijiet specifici mis-superjur tieghu is-surgent Ransley sabiex:

1. Fl-ebda hin ma ikollu l-arma ikkargata. #

2. Il-*magazine* kellu jitnehha.

3. Fl-ebda hin ghalhekk l-arma ma kellha tigi ikkargata jew ikkokkjata.

4. Ghall-ebda raguni ma kellu jingibed il-grillu.

Ma hemmx dubbju illi l-imputat ma segwa l-ebda wahda minn dawn l-istruzzjonijiet u dana ghaliex b'disattenzjoni u minghajr ma kienu ghadu gie moghti l-ordni appozita huwa rega dahhal il-*magazine* fl-arma, illowdjaha, ikkargaha u ikkokkjaha. Fl-ahharnett huwa gibed il-grillu biex b'hekk laqat lil siehbu. Fuq mistqosija ta'l-Ufficjal Prosekutur in kontro-ezami jekk huwa f'xi hin waqt l-ezercizzju inghatax xi istruzzjonijiet bil-kliem ***cock weapon*** u ***fire***, l-imputat wiegeb illi fl-ebda hin ma gie moghti dawn l-istruzzjonijiet.

**"<u>Spettur Christopher Pullicino</u>: Jigifieri l-arma ikkokjatha minn jeddek ukoll?**

**<u>Imputat</u>: Iva, imma kien hemm hafna li jaghmluhom dawn l-affarijiet, jigifieri kienet procedura normali.**

**<u>Spettur Christopher Pullicino</u>: Dawn l-affarijiet ara, minn dan kollu, mix-xhieda li tajt fl-inkjesta u minn dak li qed tixhed hawnhekk illum inti, kemm *cock weapon*, kif ukoll *load magazine*, dawn iz-zewg kelmiet inti qatt ma smajthom minghand is-surgent u kien minn rajk li ghamilthom allura?**

**Imputat: Nikkonferma".**

L-imputat izda izid ighid illi kull meta jispicca s-*session* ta' dan it-tahrig, fl-ebda okkazzjoni ma kien jinghata istruzzjonijiet mis-superjuri tieghu biex jerga' jitfa' il-*magazine* fl-arma izda dejjem kienu jaghmluha huma minn jeddhom hekk kif kienu ilestu. Inoltre l-imputat isostni illi f'dawn l-ezercizzji partikolari huma qatt ma inghataw struzzjonijiet specifici biex ma izommux subajghhom fuq it-*trigger*, izda jammetti illi meta isir *shooting practise* r-regola hi illi ma jistghux izommu subaghjhom fuq it-*trigger*. Izda fuq mistoqsija ohra tal-Ufficjal Prosekutur:

**"Spettur Christopher Pullicino: Ara nghidx sew ukoll illi fit-training gewwa l-akkademja tigi mghallem illi t-trigger titfa' subghajk fuqu biss meta hadt id-decizjoni li tispara?**

**Imputat: Iva**

**Spettur Christopher Pullicino: Anke fil-verita mhux waqt training biss, izda anke fil-verita, subghajk irid ikun dejjem barra t-trigger, sewwa, u ddahhlu fuq it-trigger biss subghajk meta inti iddecidejt li ha tispara?**

**Imputat: Iva"**

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti stharrget kif tahdem il-pistola Glock uzata mill-pulizija f'dana l-ezercizzju ta' simulazzjoni u tahrig. Dina it-tip ta' arma maghrufa bhala *striker fired pistol* fil-maggior parti taghhom ***"there is no external hammer and no means to de-cock – meaning that the gun is cocked by racking the slide and the only means to de-cock is to pull the trigger[5]."*** Dana ifisser illi l-arma ma hijiex lesta biex tigi sparat semplicement billi wiehed jigbed il-grillu, izda bil-fors din trid tigi ikkokkjata qabel xejn u dana biex il-*bullet* titla' fil-kanna.

[5] http://www.thetruthaboutguns.com

Illi l-Ispettur Ramon Cassar fix-xhieda tieghu ighid:

"**Ghall-beneficcju tal-Qorti l-arma li tintuza mill-pulizija hija semi-awtomatika, allura biex ittella l-ewwel balla bil-fors trid tigbed il-barrel u l-ewwel balla fil-magazine titla'. Dawn ma kellhomx instructions biex itellghu il-balla. Once li titla' l-balla, l-arma qatt ma tista' tkun safe**."

Dana kollu ifisser illi l-imputat ma jistax ighid illi huwa ghamel dak li solitu isir meta jaghmlu dana it-tip ta' ezercizzju u dana ghaliex biex l-arma tkun tista' tigi sparata bil-fors li trid tigi ikkokkjatha. Ma jidhirx illi kien hemm raguni f'dana l-ezercizzju ghaliex dana kellu isir. L-ebda wiehed mill-ufficjali l-ohra tal-pulizija li kienu involuti f'dana l-ezercizzju ma ighidu illi ikkokkjaw l-arma taghhom fis-simulazzjoni li kienet qed issir tant illi kellhom juzaw il-kelma "bum" biex jissimulaw l-isparatura. Dana ifisser illi ma kellu isir xejn bl-arma hlief li izommuha f'idejhom. Lanqas is-surgent 702 ma ighid illi kien taha xi istruzzjonijiet biex l-arma tigi ikkokkjatha. Illi ghalhekk l-imputat kontra kull ordni u struzzjoni li kienet inghata bhala membru fil-korp tal-pulizija:

1. ikkarga l-arma tan-nar billi illowdja il-*magazine* fl-arma meta l-ezercizzju kien ghadu ma spiccax. Dana ghamlu, ighid hu, ghax haseb illi l-esercizzju kien intemm, izda meta gie moghti istruzzjonijiet biex jaghmlu is-simualzzjoni ghall-ahhar darba b'negligenza u disattenzjoni huwa nesa jiskarga l-arma tieghu u inehhi il-*magazine*.

2. ikkokkja l-arma sabiex b'hekk il-balla telghet fil-kanna.

3. pogga subajgh fuq it-*trigger* kontra kull regolament li jinghata fit-tahrig tieghu.

Dawn kienu certament nuqqasijiet grossolani minn naha tal-imputat li wasslu sabiex sehhet l-isparatura u gie ferut il-parti leza. L-imputat mexa b'negligenza, b'nuqqas ta'

attenzjoni, b’imprudenza u b’nuqqas ta’ tahris tar-regolamenti li kellhom jigu osservati minnu fil-kapacita tieghu bhala ufficjal tal-pulizija. Din il-konsegwenza tan-nuqqas tieghu kienet certament prevedibbli iktar u iktar fl-ambjent fejn kien qed isir dana it-tahrig li fih kien hemm id-dlam u periklu iehor billi dan kien post abbandunat. Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi ma hemmx l-icken dubbju illi l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu tirrizulta ippruvata.

Illi kif jispjega tajjeb hafna l-gurista Francesco Antolisei:

**“A noi sembra che pre comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L’esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle *regola di condotta*. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un’arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all’imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltando dall’innosservanza di talune delle norme indicate. …. Riteniamo, pertanto, che l’essenza della colpa debba ravvisarsi nella *inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi*…la nota concettuale della colpa e` data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in**

**altri termini, nella *__inosservanza di precauzioni doverose__*.”**[6]

Illi finalment il-Qorti tosserva illi dana it-tahrig sar fuq inizjattiva tas-surgent, illum spettur Jonathan Ransley. Illi ghalkemm il-Qorti tara kommendabbli da parti ta’ dan l-ufficjal illi ried ighallem lis-subordinati tieghu r-regoli li kellhom jigu segwiti sabiex isir *forced house entry* fil-kaz li jinqala’ dan il-bzonn u ghalhekk dana it-tahrig kien certament essenzjali u bzonnjuz, madanakollu huwa ma messu qatt iddecieda minn jeddu li jaghmel dan minghajr ghal ta’l-inqas jinforma b’dan l-isuperjuri tieghu u jara illi dana l-ezercizzju isir f’zona taht kontroll fejn ma ikunx hemm periklu la ghall-ufficjali stess u lanqas ghal xi nies ohra pajzana li setghu inzertaw kienu fuq il-post. Il-Qorti, madanakollu taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Inkwirenti illi dan in-nuqqas da parti tas-surgent, illum spettur, Ransley ma kellu l-ebda ness ma’ dana l-incident u anke jekk ghal grazzja ta’l-argment dana l-ezercizzju kien awtorizzat, dana il-fatt wahdu ma kienx jevita li isir dak li sehh.

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju illi l-parti leza f’dana l-incident sofra griehi ta’ natura gravi. Dana johrog car mir-rapport ta’l-espert mediko-legali hawn fuq iccitat. Illi l-Qorti taghmel referenza ukoll ghax-xhieda ta’ Mr. Alex Manche li fix-xhieda tieghu jispjega dettaljatament n-natura tal-griehi sofferti minn Sammut u l-effetti ta’l-istess griehi fuq il-pazjent tieghu. Jixhed bl-Ingliz u ighid illi l-*entry wound* …:

“**It was in the anterior chest wall in the sixth costal space and the exit wound was very closet o the middle line o the back in the eleventh intercostal space. So the direction went down immediately. He was immediately examined and a chest X-ray was done, a CT scan was done and he was found to have**

---

[6] **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale** Giuffre` (Milano) 1989, para. 133, pp. 322-323.

**contused or damaged lower part of the left lung and a collection of fluid within the chest. No other injuries were determined on the scanning, a chest drain was inserted which is a tube and this drained over the next few hours 650mls of blood. Patient remained stable and therefore at that time there was no indication for surgery.**

**I examined him three months later as a follow up clinic, he then developed burning sensation on the left side of the chest which would be explicable because of the entry wound which probably damaged the intercostal nerves. He had a mild frozen shoulder, this is because the generalised pain of the chest would make that shoulder less mobile and with time it will become frozen. He also reported that if he lay on his chest, especially in warm weather, the front of the chest would have a burning sensation. That was follow up in the hospital and at that time I thought he was probably fit to go to work all be it requiring pain killers**.

**If I may say that the trajectory of the bullet went through the chest wall, lung and went out of the chest wall but the exit point was very close to major structure, so I told him and I felt that he was very lucky that for example the aorta which resides exactly there was not hit, because that would have been a more serious condition.**"

Illi minn din ix-xhieda abbinat mar-rapport ta'l-espert mediko-legali ma hemmx dubbju illi l-offiza kienet wahda ta' natura gravi u dana kif previst fl-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 u dana "***poiche basta una impossibilita anche relativa, e' sufficiente cioe' che il leso non possa attendere alle sue occupazioni senza pericolo per la salute, senza un sforzo inconsueto, senza danno o diminuzione nella produzione. Basta insomma che non si trovi piu' nelle medesime***

***condizioni di prima, in conseguenza della lesione rsipetto alla sua capacita' di lavoro, di studio ecc.***"[7]

Illi ghalkemm il-parti leza baqa' fil-korp tal-pulizija, u illum huwa stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, ighid illi huwa sofra limitazzjonijiet f'sahhtu billi fost affarijiet ohra ma jistax jigri fit-tul, ma jistax jerfa' idejh u icaqlaqha u ma jistax jaghmel certu movimenti. Minhabba f'dan huwa ma jistax ikun eligibbli biex jigi stazzjonat f'certu sezzjonijiet tal-Korp.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat bhala ufficjal fil-korp tal-pulizija naqas milli juza dik l-attenzjoni meta kien qieghed juza arma tan-nar, ghodda li l-pulizija ta' kuljum ikollhom igorru fuqhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Illi ghalkemm l-imputat kien irceva it-tahrig mehtieg ghall-uzu ta'l-arma, madanakollu ma kienx kapaci isegwi l-istruzzjonijiet li kien gie mghallem isewgi meta kien qed jircevi dan it-tahrig bil-konsegwenza illi siehbu u kollega tieghu fuq ix-xoghol wegga' gravi. Madanakollu l-imputat minn dak iz-zmien baqa' fil-Korp tal-Pulizija jaqdi id-dmirijiet tieghu b'mod tajjeb u ghaqli u li dan kien incident sfortunat fejn l-imputat zbalja u dana ghaliex certament johrog car mill-provi illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni iwegga' lil siehbu il-PC434. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt illi l-imputat huwa bniedem ta' kondotta tajba u ghandu fedina penali nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a), 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuza mijuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €4000.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €989.98 lir-Registratur tal-Qorti.

---

[7] Manzini

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------